**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum il-Gimgha 20 ta' Novembru 2020, fid-9:30 a.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud il-**Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa`** iben Lawrence imwieled il-Pieta` u residenti Marsaskala bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mela nafu li inti llum ghandek il-kariga ta' Kummissarju tal- Pulizija, tista' tghidilna a brief overview tal-karriera tieghek mal-Pulizija kif bdiet?

***Ix-Xhud :***
Ehe jiena dhalt fil-Korp tal-Pulizija fl-2003; precedentement jiena kont Fizzjal fl-Armata ta' Malta wara li kont gradwajt minn l- universita` ta' Malta. Il-karriera tieghi fl-Armata bdejt inhoss in-nuqqas ta' interazzjoni mal-pubbliku; u jiena l-kors tieghi l-universita` kien fil-public policy u l-honors ghamiltu public and private sector management, u bdejt inhoss in-nuqqas tas-servizz dirett mal-pubbliku, u allura l-hajra tieghi lejn il-korpi dixxiplinati kienet hemm u l-opportunita` fil-Korp qieghda li meta jkollok first digree tista' tidhol tapplika direttament ghal kariga ta' Spettur tal- Pulizija.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U x' kariga kellek fl-Armata?

***Ix-Xhud :***
Kont Second Lieutenant

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Second Lieutenant; ok.

***Ix-Xhud :***
U allura dhalt fl-2003. Fl-2004 ilhaqt Spettur. Ghamilt sa l-2013 gewwa l-iskwadra ta' l-Economic Crimes Unit. Fl-2013 dak iz-zmien l-Assistent Kummissarju Michael Cassar, li jiena dejjem hdimt mieghu, kien mexa ghas-Servizz Malti tas-Sigurta`; jidhirli li kien April tal-2013. Jiena f' Gunju mort

hemmhekk ukoll, u mbaghad eventually fis-sajf jidhirli ta' l-2016 kienet harget sejha ghal kariga ta' Kap Ezekuttiv tal-Korp tal-Pulizija l-ewwel darba. U allura liema kariga wara process kompetittiv immexxi mill-Public Service Commission jiena kont hadt dik il-kariga u bdejt nopera` f' Jananr ta' l-2017.

Ghamilt f' dik il-kariga allura sa Gunju ta' din is-sena, ghaliex iktar kmieni din is-sena kienet harget sejha pubblika ohra ta' Kummissarju tal-Pulizija; hassejt li kelli l-attribwiti biex napplika ghal dik il-kariga, u bdejt f' dik il-kariga fit-23..; l-istess wara process ta' selezzjoni kompetittiva wkoll imexxija mill-Public Service Commission, fit-23 ta' Gunju jiena bdejt fil-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
B' mod generali, x' sitwazzjoni kienet; kif sibtu l-Korp meta inti hadt il-kariga ta' Kummissarju? X' inhuma l-miri li ghandek inti llum li tista' tbiddel f' dan il-Korp biex jigi ghall-ahjar u jew jaghmel improvements …

***Ix-Xhud :***
Ehe, tista' tghid li hemm mira wahda principali, li nsahhu l-fiducja tan-nies fil-Korp tal-Pulizija. Issa din il-fiducja ma taqax mis-sema, ma taqtaghhiex mis-sigar, trid tahdem ghaliha. Jiena nghid li ghandna Korp effettiv. Fl-ahhar tliet snin il-Korp tal-Pulizija komplessivament naqqas ir-rata ta' 'reported crimes' b' ghaxra fil-mija (10%). Kellek fl-2017 naqqasna b' wiehed fil-mija (1%); fl-2018 b' sebgha fil-mija (7%), u s-sena l-ohra bi tnejn fil-mija (2%). Pero` nghid li b' mod jew iehor dan l-effett ta' nuqqas ta' rapport lill-Pulizija, ghaliex mhux necessarjament…, qed nitkellmu fuq reported crimes. Jezisti kuncett ta' dark figure of crime li allura huma dawk reati li ma jigux rappurtati lill-Pulizija. U anke hemmhekk, din hija sikkina taqta' minn zewg nahat; jekk il-fiducja fil-Korp tal-Pulizija tkun 'l isfel, hemm min ihoss li ma ghandux jirrapporta. U dawn huma kazijiet bhal domestic violence per ezempju. Huma kazijiet li jsiru go binja f' dar, u jekk allura l-Korp ghall-argument ma jkunx sensittiv ghal dawk ir-reati allura ser jonqsu r-rapporti. U tinhass, ghaliex meta tiehu certi mizuri, fosthom f' dan il-kaz ahna waqafna fl-ewwel ta' Ottubru a gender based and domestic violence unit tibda tara zieda fir-rapporti. U dik tfisser li allura dawk il-kazijiet hemm kienu, pero` l-pubbliku ghandu iktar fiducja li jersaq iktar lejn il-Korp tal- Pulizija. Fil-fatt nghid li lejn l-ahhar ta' Settembru ta' din is-sena l-Korp ippubblika strategija ta' trasformazzjoni. Allura tista' tghid li llum ma hijiex biss x' ghandi f' mohhi jien; ghaliex billi ghandi xi haga f' mohhi jien u nafha jien biss qatt ma nistghu naslu. Il-Korp hi organizzazzjoni kbira madwar elfejn u tliet mitt ruh (2300). Jien nghid hija Ministeru minnha nnifsha; hija ikbar minn Ministeru tista' tghid specjalment bil- funzjonijet varji li ghandu l-Korp tal-Pulizija. U allura llum il-mira tieghi hija l-mira pubblikata f' dik l-istrategija. Hemm il-missjoni taghna hija cara,

hija missjoni li l-principjji ghadhom l-istess, li nharsu lil Malta u nzommuha bhala pajjiz sikur.

Pero` llum qed nenfasizzaw fuq kuncetti partikolari; li nkunu iktar professjonali f' xogholna, li nkunu iktar trusted, pero` fuq kollox li nahdmu f' partnership mal-komunita`. U allura anke qed inhaddnu certu kuncetti bhal kuncett ta' community policing. Fejn iva, hemm jiena gie li jkolli kritika ghaliex hemm certu Ghases 'l hawn u 'l hinn ikunu maghluqin, li fil-verita` ilhom is-snin maghluqin. Imma llum qed inhaddnu policy cara li l-pubbliku.., u dan ma nghidux jiena, jghiduh l-istharrig, irid aktar police visibility, u mhux biss li jkollok Pulizija fit-triq, imma dan kollu jsir fi strategija u l-istrategija titlob allura li dak kollu li taghmel taghmlu in konsultazzjoni mal-pubbliku, ghaliex hadd daqs il-pubbilku, hadd daqs il-komunita` li tghix kull jum hemmhekk ma taf il-prijoritajiet taghha; u dak li qed naghmelu llum. Illum qeghid ingibu l-komunita` onboard. Huwa progett li nestenduh inkrimentalment ghaliex jirrikjedi certu logistika. Hemm certu strategiji ghaliex filwaqt li l-kuncett huwa partikolari mhux kull lokalita thaddnu l-istess; u allura dan bhal kejk, fl-ahhar minn l-ahhar tvarja l-ingridjenti tieghu. Imma dik hija d-direzzjoni li qed niehdu.

Pero` wkoll dik l-istrategija titlob ukoll li nkunu Korp aktar kuntabbli internament; u allura hemm.. fil-fatt sa ricentament il-Korp ippubblika Kodici ta' Etika gdid li kien ilu ma jigi aggornat 18-il sena, u llum id-dokumenti li qed nippubblikaw ma humiex dokumenti li jkunu hemmhekk u taggornahom wara numru ta' snin; huma living documents li kull perjodu awtomatikament trid taghmel revision taghhom.

Introducejna wkoll an anti-fraud and corruption policy. Sahansitra tlabt, u gara, li tibidel il-ligi, ghaliex kellek klawsola fil-Police Act li hadd ma seta' jaghmel fil-Korp… anzi, jekk taghmel rapport anonimu fil-Korp tal-Pulizija kont tghaddi minn proceduri ta' dixxipplina. Ahna, u din gibditilna l-attenzjoni l-GRECO, din inbidlet il-ligi, inline ma' din il-policy li dahhalna ghaliex jezisti l-kuncett ta' blue wall of silence. Il-Pulizija ghandha kultura, police culture, u fost din il-kutura tezisti a blue wall of silence. Difficli ghal kollega li jirrapporta kollega tieghu jekk ra l-hazin, u allura bl-introduzzjoni ta' sistemi li introducejna digitali, li difficilissimu ghalina li nintraccaw min qed jibghat dik l-informazzjoni, u allura l-membri taghna konxi minnha, l-anonimita` taghha din il-haga, qed ninkoraggixxu allura li fejn jaraw il-hazin jirraportawh. Dahhalna wkoll gratuity register. Registru fejn jekk inti tigi avvicinat biex xi hadd joffrilek xi haga ghandek numru ta' kriterji biex tara ghandekx taccethom. Altru gie xi hadd li inti, jien naf?, solvejtlu kaz, irkoprajtlu dak li gie derogat minnu, u li gie gablek flixkun whisky. Dik hija a forma ta'

gratitudni. Pero` mbaghad hemm whisky u hemm whisky. Jiena minhiex midhla tax-xorb, imma jghidulek ..

***Imhallef A Lofaro :***
Jiswew il-mijiet..

***Ix-Xhud :***
… hemm whisky ta' l-ghaxar ewro u kif qed is-Sinjura, jigifieri..

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt, ehe.

***Ix-Xhud :***
U allura llum il-Pulizija ghandhom gwida; ghandhom gwida anke jekk accettajtu jew ma accettajtux, trid timla formola. Illum qed nghixu f' dinja digitali; dan kollu huwa permess ta' formola digitali. Dan ghadna kemm illoncjajnieh fl-ahhar jiem dan il-kuncett. Naturalment il-kultura ma tbiddilhiex f' gurnata jigifieri. Ahna apparti li rridu ndahhlu dawn il-policies qeghdin ukoll fl-in-service training. Il-Korp tal-Pulizija kull hmistax, Pulizija ghandek grupp ta' 20 generalment average, jinqlghu mid-duty taghhom. U allura jinqalghu biex jaghmlu dak li nsejhulu in-service training, il- continuous profession development. U allura fost is-sessions li intuhom lil dawn ghandna sessions fuq dawn il-policies; specjalment policies ricenti biex infhemuhom il-mekkanizmu ta' kif jahdmu. Dahhalna policy ta' business interest and other occupations il-parallel activities, il-part time jobs. Hemm iva rridu li naghtu din l-opportunita` lill-membri tal Korp. Pero` ghamilna kriterji li jidentifikaw liema jobs jistghu jkunu kompetibbli u liema jobs ma ....

***Imhallef A Lofaro :***
Biex ma jkunx hemm il-konflitt ma' xoghlohom, mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
Ezatt. U allura tellaqna procedura gdida li dawk li anke li kellhom permess sa Frar li gej ghandhom grace period, jekk ma japplikawx mill-gdid u dak il-job ma jigix reconsidered allura awtomatikament daqslikieku dak il-permess qatt ma nhareg, qed jigi revokat.
Dahhalna wkoll horizontal movement policy. Il-horizontal movement policy fil-Korp tal-Pulizija.., u dak huwa s-sabih tal-Korp, li jaghtik l-opportunitajiet li tavvanza, kemm vertikalment u allura fil-gererkija tal-Korp, fir-ranks, pero` ukoll horizontally.

***Imhallef A Lofaro :***
Biex tiehu l-esperjenza.

***Ix-Xhud :***
Ghandek il-Pulizija tad-Distrett, pero` mbaghad ghandek il- Pulizija li jispecjalizzaw, u allura ghamilna policy fejn hija cara ghal kulhadd li jekk dhalt fil-Korp minghajr specjalizzazzjoni partikolari, ghaliex jekk inti irnexxielek tattira lil xi hadd minn l- universita`  b’ degree, jien naf?, in finance, b’ degree in IT, jiena nghid li jkun trid hela li titfghu on the …; ghaliex jista’ jikkontribwixxi ghal dik l-ispecjalizzazzjoni. Pero` fin-norma 90 jew over 90% ta’ new reclutes taghna ma jkollhomx particular specialization u allura qieghda cara li dawn fil-bidu tal-karriera taghhom ghandhom l-ewwel tliet snin ser jaghmluh in district policing. Halli hemmhekk jigu generalist, Pulizija b’ mod generali ha jiltaqghu ma kollox. Anke fl-ewwel sentejn taghhom ta’ probation dahhalna l-kuncett ta’ mentoring ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mentoring.

***Ix-Xhud :***
… ha jibda issa, minn dan il-kors wara….

***Imhallef A Lofaro :***
..importanti iva.

***Ix-Xhud :***
Bhal issa ghaddejjin b’ kors ahna. Ghandna Pulizija ta’ xogholhom, ta’ l-affari taghhom, li allura issa wara process sejha interna ha nkunu qed nghazlu dawk l-aktar li naraw li jistghu jikkontribwixxu bhala mentoring. Pero` fuq kollox biex ticcaqlaq minn post ghal iehor ser ikun hemm interviewing board li l-Kummissarju tal-Pulizija ma jkunx involut fih hlief biex jawtorizza iva jew le. Ghaliex jekk jiena ghall-argument settur li qed niffokaw fuqu bhal issa l-Financial Crime Investigations Department li  hija it-top priority tal-Korp bhal issa, u ghal li gej; mhux bhal issa biss, u ghal li gej; u ‘l quddiem jekk tippermettuli anke nispjega. Inutili dak li jkun hemm Pulizija hemmhekk li jrid jiccaqlaq, jiena hemmhekk ser nara mbaghad il-prioritajiet tal-Korp. Jigifieri ser nevalwa bejn l-individual wants, pero` l-organization needs ukoll. Tajjeb? Jigifieri rridu nilhqu l-bilanc. Mhux ghax persuna necessarjament mar tajjeb fl-interview u fil-process ta’ ghazla necessarjament ser jinqala’ awtomatikament. Hemm dawn il-mekkanizmi, li llum huma cari ghal kulhadd. Fejn hemm policies dawk il-policies anke inaqqsulek minn potenzjalment indhil minn barra l-Korp. Qed nghixu f’ pajjiz zghir, we are a microstate and it’s a non fact li jista’ ikollok indhil. Jiena nizzihajr ‘l Alla, hadd qatt ma indenja mit-23 ta’ Gunju ‘l hawn jaqbad it-telephone u jcempilli. Ghaliex jaf li llum dahhalna dawn il-policies, strutturi cari, li lanqas jekk irid xi hadd, trid tahdem ma’ dawk il-policies.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Qed niehu gost qed issemmi illi l-FCID illum huwa top priority ghal Pulizija; ghax din huwa relevanti ghal din l-Inkjesta, kemm l-FCID u kif ukoll is-CID. Ghal dawk illi huma Human Resources, nafu wkoll illi sar progress kbir. Ghandkom post gdid minn fejn toperaw. Kuntent b' dawn il-mizuri li qed jittiehdu considering illi it-tip ta' reati illi dawn jinvolvu, ghandkom mizuri bizzejjed? Ghandkom Human Resources bizzejjed biex intom tikkombattu even the top level of financial crimes?

***Ix-Xhud :***
Bizejjed qatt Sur Imhallef.

***Imhallef A Lofaro :***
Le qatt.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri pero` trid tara minn fejn tlaqna. Jiena kelli x-xorti li kif spjegajt ghal aktar kwazi ghal ghaxar snin hdimt f' dak id-Dipartiment. Dak iz-zmien kien jissejjah il-ECU - Economic Crimes Unit. U f' dak iz-zmien kollu konna l-izghar skwadra fil- Korp tal-Pulizija, jigifieri ara min fejn talqna! Kwazi kwazi kont qisni kien lussu li l-Korp kellu an Economic Crimes Unit dak iz-zmien; u jekk kont tistaqsin jekk ghandekx bzonn internet ghax ghandek bzonnu ghall-investigazzjonijiet numru ta' mistoqsijiet ghalfejn ghandek bzonn l-internet! Imma biex tara kif tevolvi d-dinja. Ahna qed nghixu f' dinja li kontinwament tevolvi. Jekk hawn xi haga kostanti f' din id-dinja hija l-bidla. U ghalhekk l-iskop ta' dik l-istrategija ghaliex ahna rridu nevolvu bhal ma evolviet id-dinja u allura jekk kien hemm nuqqas tal-Korp fl-ahhar snin kien li ma rajniex kif zviluppat id-dinja u kif zviluppa l-pajjiz. Il-pajjiz evolva lejn centru finanzjarju, pero` sfortunatament il-law enforcement mussel ma kibirx in parallel u allura gara li nqbadna b' sistema fejn id-domanda li bdiet tigi fuqna, ir-rizorsi li kellna ma bdejniex inlahhqu maghhom. Zidna. Jiena, mill-bidu tas-sena ‘l hawn il-Financial Crime Investigations Department zdied kwazi b' sebghin fil-mija (70%) tar-rizorsa. Li huwa importanti, hafna importanti, ghaliex mimghajr nies ma taghmel xejn. Pero` issa once li qed naghmlu din il-bazi we have to step it up. And we have to step it up billi naraw li n-nies taghna jkollhom the necessary expertise. Ghaliex din l-expertise.., trid tahdmu dan ix-xoghol biex tifhem kemm huwa kumpless.

Jiena spjegajt, ghamilt sa l-2013 hemmhekk; pero` n-natuar ta' financial crime sakemm kont hemm jien u n-natura tal-financial crime kif inhi llum hija inbidlet radikalment. Anke ghal fatt li ahna internament fil-Korp tal-Pulizija biex il-Financial Crime Investigations Department nassiguraw li tiffoka fuq l-aktar reati serji ghamilna numru ta' benchmarks, biex hekk allura, biex naghti

ezempju, ghandek frodi ta’ ghaxart elef ewro, le ma tmurx ghand l- Economic Crimes, tmur ghand id-Distric Police. Kulhadd, bhal ma inti d-District Police jinvestiga serqa issa jrid jinvestiga wkoll kaz ta’ frodi u tiddetermina jekk hux kaz kriminali jew wiehed civili. Ghaliex f’ dan it-tip ta’ xoghol ghandek a thin fine line between civil death jew a froud. Tajjeb? Jigifieri iva, hemm commitment, bhal issa anke ghaddejjin bi studju ta’ restructuring tal-Financial Crime Investigations Department u qed inharsu lejn ix-short, medium u long term goals; hemm partikolarment it-tahrig. It-tahrig akkumpanjat bit-teknoligija. Illum nitkellmu fuq tip ta’ cryptocurrency, ghandna persuni li thank God anke meta ghamlu courses barra l-pajjiz nista’ nghid li gew minn ta’ quddiem nett; u issa irridu naraw li dan il-Korp ma jkunx jiddependi minn persuna jew tnejn. U allura kemm jista’ ikun din l-expertise nifirxuha fuq kemm jista’ ikun nies. Illum kwazi inqarrbu l-mitt ruh f’ dak id-Dipartiment; qeghdin circa 95. Pero` kontinwament ahna johorgu sejhiet interni u l-Pulizija taghna meta jaraw.., ejja nghiduha kif inhi, hemm spotlight partikolari fuq dan id-Dipartiment illum. Meta jaraw li hemm din il-pressure fuqhom partikolari dak li jkun jahsibha darba darbtejn jekk imurx lejn dik il-linja. Pero` qed niehu gost, jiena qed nara energija gdida fil-Korp tal- Pulizija; qed nara nies motivati, u hemm nies li verament il-pubbliku Malti ghandu jkun grat li huma membri tal-Korp tal-Pulizija.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Naturalment li ghedtilna issa huwa kollu tajjeb, kollu pozittiv u nawguraw li jibqa’ miexi fuq din il-linja.

***Ix-Xhud :***
Ma hu...

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` l-fatt hu, almenu kif jirrizutla minn din l-Inkjesta illi f’ sitt (6) xhur li ilek hemm inti ghamilt progett li jidher li ghandu jkun pozittiv, serju, li wassal ghal riforma kbira. Fis-sitt (6) snin ta’ qabel kull ma kellna tibdil ta’ sitt (6) Kummissarji. Jigifieri ahna.., huwa veru illi ghedtilna inti huwa utili ghalina ghax anke l-futur irridu naraw. Imma qeghdin hawn biex naraw il-passat ukoll, u allura ahna li nixtiequ minn ghandek ukoll issa daqsxejn dawl fuq x’ kien jigri qabel. Ghax qabel veru kien hemm limitations ta’ nies u kien hemm limitations ta’ rizorsi; pero` jibqa’ l-fatt, u dan jirrizulta hawnhekk ampjament, illi fil-Korp tal-Pulizija dejjem kien hemm ufficjali u Pulizija tajbin, tajbin hafna, u ghamlu xogholhom tajjeb, pero` rrizultalna, u inti qed tikkonfermah illum ghax ghandek informazzjoni iktar milli ghandna ahna probabbilment, illi kien hemm rotten apples x’ imkien u dawn taw isem hazin, jew gabu isem hazin il-Pulizija f’ vertu livell; bla ma niggudikaw min u kif; mhux xogholna dak. Tibqa’ realta` din li stabbiljena llum, tajjeb? Mhux biss fil-Pulizija imma

kif f' affarijiet ohrajn illi at a certain stage kien hemm sistema li b' xi mod jew iehor nawret il-gid li kien qed isir f' kull istituzzjoni prattikament. Jigifieri nixtiequk ittina dawl daqsxejn, ghax inti issa ilek hemmhekk minn mindu kont anke CEO, tajjeb?, x' wassal ghal din is-sitwazzjoni. Ghaliex kellu jkun hemm tibdil ta' sitt (6) Kummissarji per ezempju? Bilfors kollha kellhom xi haga ta' sahha? Ta'..., ghaliex? Ghaliex ma kienx hemm dan il-progett li inti qed issemmi issa? F' sitt xhur inti hloqtu dan il-progett. U akkwistajt ir-rispett ukoll ta' hafna nies ghaliex inti ghandek pjan ta' fejn sejjer, u hemm is-serjeta`. Ghaliex dan ma garax fl-ewwel fazi? I mean din ghalina hija stramba.

***Ix-Xhud :***

Sur Imhallef, l-ewwel nett ir-rispett ma tibniehx f' gurnata. Jiena ..

***Imhallef J Said Pullicino :***

Jiean mhux qed nghid..; ghax inti stess bdejt biex tghid illi meta dhalt ridt tibni l-fiducja. Veru l-fiducja fil-Pulizija bhal Qrati dejjem 50 – 50, tajjeb? In-nies hadd ma jkollu fiducja ghamja. Pero` sibt sistema.. sitwazzjoni inti fejn kellek tibni fiducja mill- gdid, u allura dan in-nuqqas fejn kien?

***Ix-Xhud :***

Jiena, kif anke meta jkolli l-oportunita` u niehu gost, jekk hemm xi haga li niehu gost naghmel hija li naqsam l-esperjenzi tieghi fil-forma ta' lectures specjalment lil dawk li ha jkunu qed jaghmlu courses ta' promozzjoni, u dak li nghidilhom; jekk tahsbu li ser tilhqu spetturi u issa ha taghtu direzzjoni lil xi hadd li intom qatt ma ghamiltu qabel ha ssibu erba' swaba jharsu lura lejkom. U allura jiena tlaqt b' mentalita` ta' lead my example. Jiena sa fejn naf jien zbalji ghamilt kemm trid; pero` nghid li min jaghmilx xejn ma jaghmilx zbalji; l- importanti li l-izbalji ma jkunux intenzjonati, u li titghallem minnhom. Jiena nghid li jekk inhares lura ghandi ghax inkun ezempju ghal membri tal-Korp tal-Pulizija, u allura jiena dak li ser inkun qed nitlob minnhom. Jafu li iva hemm nenfasizza hafna fuq kontabbilta` iktar milli dixxipplina. Ghax illum il-kuncett ta' dixxiplina nahseb li.. is-socjeta` kwazi kwazi issib diffikulta` tispellija l-kelma 'dixxiplina'. Pero` iva, min irid jidhol u min irid ikun parti mill-Korp tal-Pulizija mmexxi minni jaf li jrid ikun parti minn Korp serju. Jien ma jien ser naccetta lil hadd li la fuq il-post tax-xoghol jew wara l-hin tax-xoghol, ghaliex ahna il-Pulizija 24 siegha kuljum, ma jtappan dan l-isem.

Jiena fil-kariga ta' Kap Ezekuttiv li anke dwar din il-kariga, jiena nixtieq.., ghax forsi jekk wiehed jaqra l-job description jifhem li jiena ma kontx Kap Ezekuttiv, it-titolu kien ta' Kap Ezekuttiv. U meta mort ghall-interview jien stess ikkritikajt dan it-titolu. Ghaliex Kap Ezekuttiv jghati l-imressjoni kif jixhed it-titolu li inti you ar the Head of Department. Jien f' dak il-perjodu ma kontx il-Head of Department u qatt ma agixxejt tali ta' Head of Department.

Jiena anke fir-remit tieghi u anke fil-job description, job description li kienet ippubblikata, kont nirrapport.. u qieghda fil-ligi fil-fatt, kont nirrapporta lill-Kummissarju tal-Pulizija. Naturalment zewg persuni mhux necessarjament jaraw id-dinja l-istess. U allura jiena jekk kien hemm xi haga li hdimt fuqha f' dawk it-tliet snin kienet bil-mod il-mod il-bidla fil-kulturi. Il-bidla fil-kultura interna fil-Korp tal-Pulizija, il-htiega ghall-ippjanar. Fil- Korp tal-Pulizija hemm l-impressjoni.. u jghiduhielek, u dina mhux biss Malta, f' korpi in generali; li ghaliex ahna normalment il-Korp tal-Pulizija xoghlu huwa wiehed reattiv, m' hemmx il-htiega li tippjana. Pero` anke meta tippjana trid taghmel contingency plans ghaliex il-pajn originali ma jmurlekx kif tkun tixtieq ghaliex hemm forzi li jiddependu minnek u forzi ohrajn li ghad ma ghandekx kontroll fuqhom. Ahseb u ara jekk ma tippjanax!

U allura jiena tellaqt b' dak il-kuncett. U jiena nghid li fit-2017 sibt capital vote hemmhekk ta' four hundred twenty thousand. Din is-sena l-Korp tal-Pulizija ghandu capital vote ta' four point eight million. Sena wara l-ohra, mela fit-2018 inghatajna capital vote ta' one million; jidhirli mbaghad two, tlajna ghal two point five; din is-sena ghandna four point eight. Dawn ma jaqghux mis-sema; dawn ghaliex sena wara l-ohra bdejna nibnu fuq pjan a long term plan. Fuq kollox kont qed nahdem fuq dik l-strategija. Konna qed nahdmu fuq dawn il-policies; li jien inhossni ixxurtjat li llum jiena qed naqta' l-frott li hdimt ghalih jiena stess.

Li kienet xorti ghalija li jiena f' Settembru li ghadda l-Korp ippubblika dik l-istrategija; u dik l-istrategija ma gietx ippubblikata f' jumejn! Kien hemm perjodu shih; u rrid nghid, tant ridt jiena li l-Korp jimxi 'l quddiem li dik l-istrategija mort ghapplikajt ghal EU funds. Ma kellniex flus biex naghmluha dik l-istrategija? U zgur li kellna. Pero` ridt inkun cert li l-Korp tal-Pulizija ma jibqax Korp li l-istudji tieghu jibqghu dokument fuq karta. Jibqghu fuq xkaffa jiehdu t-trab. U allura mort ghand il-Kummissjoni Ewropea bin-numru ta' progetti li toffri, f' dan il-kaz id-DG reform, biex allura jiena lili nnifsi impoggi lili nnifsi kontabbli mhux biss quddiem il-poplu Malti, pero` wkoll quddiem il-Kummissjoni Ewropea ghaliex dik l-istrategija jiena ghandi l-Kummissjoni Ewropea tigri wrajja biex tara li fil-hames snin li gejjin nimplimentawha.

U allura jiena iva nirrikonoxxi, nirrikonoxxi anke fi strategija li llum il-Korp tal-Pulizija qed ibati fil-fiducja. U ghamiltha cara, din hija l-primary outcome li nixtiequ minn dik l-istrategija. Pero` issa ghalfejn inbidlu sitt (6) Kummissarji jiena bid-dovut rispett ma nafx inwiegbek. Jiena ma wiehed hdimt f' dik il-kariga; u filwaqt li kien hemm Kummissarji li hdimt maghhom f' karigi differenti fil-Korp tal-Pulizija partikolarment is-Sur Michael Cassar

kif spjegajt, jiena kont hdimt mieghu gewwa l-Economic Crimes Unit, dirett mieghu ma hdimtx bhala Kummissarju; jiena hdimt ma' Kummissarju wiehed

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Biex inkunu iktar specifici ghal rwol li ghandna ahna, il-Panama Papers gew rilaxxati gew pubblikati minn gazzetta Germaniza fit-3 ta' April 2016. Jidhirli li dak iz-zmien kont ghadek l-ECU, ma kontx ghadek.. ikkoregini; qed nitkellmu April 2016; inti x' rwol kellek?

***Ix-Xhud :***
Kif spjegajt Sur Imhallef jiena jidhirli vicin is-Sette Giugno; jekk ma nizbaljax kienet $10^{th}$ June 2013 fejn jiena imxejt ghal Malta Security Service.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Security Services.

***Ix-Xhud :***
Iva. Jiena bejn Gunju 2013 sa Dicembru 2016 jiena kont addetta mal-Malta Security Service

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Voldieri r-rapporti ta' l-FIAU ma gewx f' idejk.

***Ix-Xhud :***
Sa dak iz-zmien ma kienux ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ma gewx. All right. Inti ilhaqt CEO tal-Korp f' Dicembru tas- '16.

***Ix-Xhud :***
16, u bdejt fl-ewwel (1) ta' Jannar '17; u li allura dak ir-role kien role amministrazzjoni li bl-ebda mod ma kont nidhol f' investigazzjonijiet.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` taqbel maghna illi l-fiducja fil-Korp tnaqqret, anke b' konsegwenza ta' dawk l-ahahr penalty? …. li huma maghrufa jigifieri.

***Ix-Xhud :***
Jiena nirrikonoxxi li naqset jigifieri. Fil-fatt tant nirrikonoxxiha li fl-introduzzjoni ta' l-istrategija ta' trasformazzjoni jiena l-ewwel wiehed li niktibha din; li minkejja x-xoghol pozittiv li ghamel il-Korp, ghax ejja nirrikonoxxu illi l-Korp ghamel xoghol pozittiv; il- fiducja naqset. U dik allura tfisser numru ta' affarijiet. Tfisser jew ma ahniex nikkomunikaw bizzejjed,

jew ma ahniex nissodisfaw dak li jixtieq il-pubbliku. Jiena nifhem li l-pubbliku fil-waqt li ra certu outcomes hiergin minn l- investigazzonijiet issa qed ihares ghal ohrajn. U jiena nassigura lil kulhadd hawn gew li l-Korp…, jiena ricenti kien hawn l-Assistent Kummissarju Mamo li qed taghmel bicca xoghol eccellenti fil-Korp tal- Pulizija. Qalet hi, jien dan l-ahhar kwazi kwazi nezisti qieghed minn mindu hadt din il-hatra ghaliex tant hemm energija fija u fi shabi li la nafu li jezisti s-Sibt u Hadd, nibqghu ghaddejjin. U nibqgu ghaddejjin ghaliex verament irridu li l-gurament li hadna issa jirrifletti ruhu f' rizultati li l-pubbliku Malti qed jistenna, and we are committed.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` jidher li fil-passat dan l-entuzjazmu jew dan l-iffukar fuq il- mission statement taghkom ma kienx daqshekk … , almenu ghal certu nies, almenu ghal certu nies; ghaliex kollox kellna f' din l-esperjenza ahna. Li sar xoghol tajjeb hafna f' postijiet, tajjeb? Kull ma qed insemmu illum, kullimkien kien hemm. Pero` ghaliex imbaghad hawn din il-lakuna? Dan il- … iswed..

***Ix-Xhud :***
Difficli nispjegha jiena Sur Imhallef

***Ix-Xhud :***
…esperjenza taghha din

***Ix-Xhud :***
Le spjegajt, li jekk hemm xi haga li jiena hdimt u nahdem qatigh fuqha hija l-cultural change fil-Korp tal- Pulizija, ghaliex inutili ghandek.. ejja nghidu il-Financial Crime Investigations Department nittriplikawh, pero` x' jiswa li dawk ghandek tliet mitt ruh hemmhekk pero` ma ghandhomx il-motivazzjoni fihom? Nippreferi nofshom jiena bil-motivazzjoni, u allura dak li qed naghmel jiena fil-Korp tal-Pulizija. Jekk jaraw in-nies tieghi jaraw lili jiena minn sbih il-gurnata sa tard billejl ghaddej, u jafu, ghaliex jiena ma nhallix email wahda li mhix acknowledged per ezempju; minkejja kull xoghol iehor. U nahmilha ghal raguni wahda. Jekk gejja minn ghand il-pubbliku, ghaliex jiena bhala pubbliku rrid impoggi ruhi fiz-zarbun tieghu, pero` anke internament, I acknowledge emails biex lil kull Pulizija taghna nurih li kull bicca xoghol li qed jaghmel hija rikonoxxuta. Hija bicca xoghol difficli, mhix facli le. Pero` fl-ahhar minn l-ahhar gurnata wara ohra jigi r-rizultat, nittama.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` inti semmejt ukoll, u hadt nota taghha ghaliex importanti, illi hassejt il-bzonn li ddahhal processi ta' kontabbillita` u ta' verifika interna li donnu ghandu rifless qawwi fuq dan li smajna sal-lum hawn. Ghaliex jirrizultalna wkoll li hemm uhud minn l-ufficjali illi l-projection taghhom pubbliku u anke

l-fama taghhom hija pozittiva hafna. Jigifieri jekk issaqsi anke fuq nies li xehedu hawn, imbaghad issib illi dawn f' ceru mument ikkollaw. Dahlu f' …, u din ghalina hija stramba. Jigifieri jew ma jkunx hemm bizzejjed kontrolli interni jew inkella… heq! U din ghalina essenzjali, qed tifhem? Ghaliex certi nies li kellhom il-fiducja anke pubblika, li issib li mbaghad li ikkollaw. Hemmhekk hemm xi raguni ghaliex gara hekk u donnu dejjem bl-istess sistemi u l-istess…?

***Ix-Xhud :***
Difficli jiena nispjegaha. Nerga' nghid, pero` ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma taqbel mieghi li kien hemm ....

***Ix-Xhud :***
Le hija cara hu jigifieri li l-fatt maghruf, u taghmel certu mizuri ghal fatt li jkollok bzonn, ghax hemm il-htiega taghhom, tajjeb? Pero` jiena ghal xi raguni applikajt ghal din il-kariga. Egoestikament jien wisq probabbli jiena llum qed nitlef il-flus; wisq probabbli ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
..

***Ix-Xhud :***
Le, jigifieri ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hawn hafna jiedu dik id-decizjoni …

***Ix-Xhud :***
Pero` dejjem kelli - 1) ambizzjoni, ghax jiena importanti li jkollok ambizzjoni, pero` qatt a skapitu ta' xi hadd. Dik qatt ma ghamiltha jiena. Imma kien hemm dik ix-xi haga allura tghid – jekk mhux issa qatt dan il-Korp ma jista' jigi fuq saqajh. U allura hadtha din id-decizjoni. Ovvjament in konsultazzjoni mal-familja ghaliex jaghmlu s-sagrificcji mieghi dawna, u t-tama tkun li jiena ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri effettivament li hassejt il-bzonn illi.. naghmlu hekk, issalva il-Korp, ghax kien hemm bzonn li..

***Ix-Xhud :***
U salvatur minhiex!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax kien hemm bzonn min isalvah.

***Ix-Xhud :***
Salvatur minhiex, pero` ..

